# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Mejju, 2025.**

**Numru 2**

**Rikors Maħluf Numru 90/2016/1**

**Peter u Heidi konjugi Bonnici**

***v*.**

**Carmel Bonnici; Romina Bonnici;**
***C&P Caterers Limited***

1. Dan huwa appell tal-atturi konjugi Bonnici minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Frar 2019 li biha ddikjarat illi l-azzjoni tallum, li l-qorti qisitha bħala *actio de in rem verso* taħt l-artt. 1028A *et seqq.* tal-Kodiċi Ċivili, hija "improponibbli u inammissibbli" billi l-atturi kellhom jinqdew b'azzjoni oħra sabiex jiksbu r-rimedju li qegħdin jitolbu.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: l-attur Peter Bonnici u l-konvenut Carmel Bonnici huma aħwa. Permezz tas-soċjeta konvenuta – li fiha kellhom ishma ndaqs – kienu jmexxu *restaurant* fix-Xlendi, limiti tal-Munxar, Għawdex. Is-soċjetà konvenuta kienet sidt ir-*restaurant* u wkoll l-art li fuqha huwa mibni. F'xi żmien qabel l-2009 twaqqa' l-bini kollu fejn kien hemm ir-*restaurant* l-antik u nbena *restaurant* ġdid fil-pjan terren u appartamenti residenzjali fuqu.

3. B'kuntratt tat-30 ta' Jannar 2009 fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech is-soċjetà konvenuta *C&P Caterers Limited* bigħet lill-atturi wħud minn dawn l-appartamenti iżda żammet il-proprjetà tal-arja tal-korp.

4. F'xi żmien qabel Novembru tal-2013 l-atturi u l-konvenuti qablu li jaqsmu l-assi u d-djun tan-negozju bin-nofs bejniethom. Għal raġunijiet fiskali għażlu li l-qsim isir billi parti tbigħ l-ishma tagħha fis-soċjetà konvenuta lill-parti l-oħra u għalhekk b'kuntratt tad-29 ta' Mejju 2015 fl-atti tan-Nutar Sylvianne Xerri Zahra l-atturi biegħu l-ishma tagħhom fis-soċjetà konvenuta lill-konvenuti Bonnici, biex hekk is-soċjetà konvenuta ġiet kollha tal-konvenuti.

5. B'kuntratt ieħor li wkoll sar fid-29 ta' Mejju 2015 is-soċjetà *PB Company Limited*, soċjetà tal-atturi, xtrat ir-*restaurant* mingħand is-soċjetà konvenuta u xtrat ukoll sehem ta' nofs mhux maqsum minn *garage* fix-Xlendi mingħand il-konvenuti Bonnici.

6. L-atturi jgħidu illi "minkejja l-fatt li dejjem ftiehmu l-partijiet … li kollox jinqasam bin-nofs, madanakollu l-partijiet bi żvista nsew barra l-arja li tiġi sottostanti [*sic*] l-korp ta' bini… … … Allura din l-arja baqgħet fil-

kumpanija *C&P Caterers Limited*". Igħidu illi "dan l-iżball kien wieħed ġenwin u seħħ *b'oversight* ta' kull min kien involut f'din il-viċenda kemm partijiet kif ukoll professjonisti …" għax qatt ma kienet l-intenzjoni tal-partijiet illi s-soċjetà konvenuta – issa kollha kemm hi tal-konvenuti Bonnici – tibqa' sidt l-arja ta' fuq il-korp ta' bini.

7. Għalhekk fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

»1. tiddikjara illi l-arja sottostanti [*sic*] l-korp ta' bini … … … Xlendi (limiti Munxar), Għawdex, ma ġietx imsemmija u ma ġietx diskussa fit-trattativi tal-likwidazzjoni u xoljiment imsemmija fil-premessi bejn il-partijiet bi svista u bi żball ġenwin ta' kull min kien involut;

»2. tiddikjara li, minħabba dan l-iżball, il-konvenuti għamlu arrikkiment indebitu għal-dannu tal-atturi;

»3. tordna li dan l-arrikkiment indebitu jiġi kkumpensat billi l-konvenuti u b'mod speċjali l-kumpanija *C&P Caterers Limited* jittrasferixxu b'xejn in-nofs tal-arja imsemmija, jew altrimenti, jekk din il-kumpannija ma għandha l-ebda assi oħrajn, jiġu trasferiti mill-ġdid in-nofs indiviż tal-ishma sabiex b'dan il-mod l-atturi jkunu titolari ta' nofs indiviż tal-istess arja almenu *qua* azzjonist;

»4. fin-nuqqas li dan isir, tillikwida kumpens xieraq u ġust li jirrapreżenta l-ħlas ta' nofs il-valur ta' din l-arja li għandu jiġi mħallas mill-konvenuti lill-atturi u tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu dan l-ammont lill-istess atturi;

»5. f'każ li tiġi akkolta t-tielet talba, tinnomina nutar sabiex jippublika l-kuntratti relattivi f'data, ħin u lok li jiġu indikati mill-qorti, kif ukoll jiġi nominat kuratur deputat sabiex jirrapreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq dak l-att jew xi dokumenti oħra li jkunu jridu jiġu iffirmati.

»Bl-ispejjeż … . …«

8. L-konvenuta Romina Bonnici ressqet din l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

»1. In linea preliminari l-improponibilità u konsegwenti inammissibilità tal-azzjoni attriċi. L-azzjoni eżerċitata mill-atturi hi dik taħt l-artikolu 1028A tal-Kap. 16 cjoè l-*actio de in rem verso*. Dan it-tip ta' azzjoni għandha karattru sussidjarju u mhijiex proponibbli meta għall-kreditur danneġġjat seta' jeżerċita azzjoni oħra biex jiġi indennizzat għall-preġudizzju allegatament soffert. Din is-sussidjarjetà tal-azzjoni hi intiża fis-sens li hu biżżejjed sabiex tiġi eskluża l-proponibilità tagħha l-fatt tal-possibilità ta' azzjoni diversa. Dan indipendentement mill-konsiderazzjoni jekk din l-azzjoni diversa tistax twassal għal riżultat utili. L-*actio de in rem verso* hi esperibbli biss meta mhiex esperibbli l-azzjoni *ex*

> *contractu*, u għalhekk meta l-attur għandu l-azzjoni *ex contractu* kontra d-debitur huwa ma jistax jaġixxi kontra ħaddieħor bl-azzjoni *de in rem verso* (Kollez. Vol. XXXIV.iii.784). Huwa mill-aktar evidenti mill-premessi fir-rikors ġuramentat tal-atturi li r-relazzjoni bejn il-partijiet hi waħda *ex contractu* u l-preġudizzju allegatament soffert jirriżulta minn allegat 'żball' li sar f'kuntratt ta' bejgħ ta' ishma ta' kumpannija mill-atturi favur l-esponenti u l-konvenut l-ieħor Carmel Bonnici u li f'din il-kumpannija kien għad hemm l-arja tal-ogħla bejt tal-korp ta' bini fi … Xlendi. Għall-atturi kienet esperibbli l-azzjoni *ex contractu* li naqqsu li jeżerċitaw deliberatament.
>
> »… … …«

9. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

> »… … … tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Romina Bonnici u tiddikjara l-azzjoni attriċi bħala improponibbli u inammissibbli stante li l-*actio de in rem verso* hi esperibbli biss meta mhijiex esperibbli l-azzjoni *ex contractu* filwaqt li jirriżulta li għall-fatti allegati mill-atturi fil-każ odjern l-atturi għandhom fil-liġi a disposizzjoni tagħhom azzjoni *ex contractu* li ma ġietx eżerċitata. Konsegwentement *in vista* ta' dan il-qorti ma għandhiex alternattiva għajr li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attriċi mingħajr preġudizzju għall-jedd fil-liġi tal-atturi li jintavolaw l-azzjoni *ex contractu* skont il-liġi.
>
> »Bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi.«

10. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Permezz tal-kawża odjerna, l-atturi Peter u Heidi konjuġi Bonnici qed jitolbu li jiġi ddikjarat li l-konvenuti Carmel Bonnici, Romina Bonnici u *C&P Caterers Limited* (C18006) għamlu arrikkiment indebitu għad-dannu tagħhom, meta bi żball trasferew b'xejn in-nofs tal-arja tal-korp ta' bini … Xlendi limiti Munxar, Għawdex. L-atturi qed jitolbu li huma għandhom jiġu kkumpensati jew billi l-konvenuti b'mod speċjali s-soċjetà *C&P Caterers Limited* jitrasferixxu b'xejn in-nofs tal-arja jew jiġu trasferiti mill-ġdid in-nofs indiviż tal-ishma sabiex b'hekk l-atturi jkunu proprjetarji ta' nofs l-arja bħala azzjonisti. Fin-nuqqas jiġi likwidat kumpens xieraq u ġust rappreżentanti nofs il-valur tal-arja.
>
> »Min-naħa tagħhom il-konvenuti Carmel Bonnici u *C&P Caterers Limited* u Romina Bonnici laqgħu għal din il-kawża billi *inter alia* eċċepew li t-talbiet attriċi huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. *Di più* l-konvenuta permezz ta' eċċezzjoni preliminari qajjmet l-improponibilità u l-inammissibilità tal-azzjoni attriċi u *cioè* dik tal-*actio de in rem* verso taħt l-artikolu 1028A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dana peress li tisħaq li l-atturi kellhom jipproċedu b'azzjoni *ex contractu*.
>
> »Fl-ewwel lok jeħtieġ li tiġi sorvolata u deċiża l-ewwel eċċezzjoni mqajjma mill-konvenuta Romina Bonnici fejn issostni li l-azzjoni attriċi

hija waħda improponibbli u inammissibli u dana *stante* li l-atturi kellhom l-possibilità li jutilizzaw kawża *ex contractu* … … …

»… … …

»Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi stess jenfasizzaw għal aktar minn darba illi l-eżerċizzju tal-*actio de in rem verso* invokata minnhom fir-rikors ġuramentat odjern hija:

> »"azzjoni konċessa biss meta mhijiex esperibbli l-azzjoni *ex contractu* (ara Rocco Bugeja *v*. George Micallef, Qorti Kummerċjali datata 16 ta' Marzu 1950).

»L-istess jingħad fid-deċiżjoni fl-ismijiet *Blye Engineering Co. Ltd. vs.* Victor Balzan deċiża mill-Qorti tal-Appell datata 23 ta' Ġunju 2004 kif isegwi:

> »"L-azzjoni *de in rem verso* hija esperibbli biss meta mhijiex esperibbli l-azzjoni *ex contractu*; u għalhekk, meta l-attur għandu l-azzjoni *ex contractu* kontra d-debitur, huwa ma jistax jaġixxi kontra ħaddieħor bl-azzjoni *de in rem verso*."

»Jidher iżda li għal xi raġuni l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom ma fehmux l-import veru tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta tant li huma jinsistu li l-eċċezzjoni ma tapplikax *stante* li l-azzjoni tagħhom m'hijiex waħda *ex contractu*! Appuntu iżda l-konvenuta qajmet l-eċċezzjoni li qabel ma jeżerċitaw l-*actio de in rem verso* l-atturi kellhom rimedju ieħor *ex contractu* u, ladarba dan ma għamluhx, skont il-konvenuta jsegwi li l-kawża odjerna hija inammissibbli.

»Fil-każ odjern l-atturi jsostnu li nofs l-arja ta' fuq l-appartamenti proprjetà personali tal-partijiet ġiet bi żball trasferita lill-konvenuti (*tramite* l-ishma trasferiti lilhom tal-kumpannija *C&P Caterers Limited*) *stante* li skont huma ħadd mill-partijiet ma kien ftakar li l-arja kienet għadha proprjetà tal-kumpannija *C&P Caterers Limited*. Dan seħħ meta l-atturi trasferew l-ishma tagħhom fil-kumpannija *C&P Caterers Limited* lill-konvenuti. L-attur Peter Bonnici fl-atti jinsisti li hu kien mingħalih li l-arja kiene4t ġà maqsuma f'ismu u f'isem ħuh il-konvenut personalment. Konsegwenza ta' dan, awtomatikament, malli ġie ppubblikat il-kuntratt pubbliku li permezz tiegħu l-atturi ttrasferew l-ishma kollha tal-kumpannija *C&P Caterers Limited* lill-konvenuti, l-arja li kienet issejjaħ lill-istess kumpannija ġiet trasferita lilhom permezz tal-ishma tal-kumpannija li saru kollha tagħhom. Minn dak li rat din il-qorti mill-atti ta' dan ir-rikors ġuramentat it-teżi tal-atturi hija waħda sempliċi: huma jsostnu li kien żball li l-arja ġiet trasferita għaliex kieku l-atturi ndunaw jew ftakru li l-arja ma kinitx ġà tagħhom iżda kienet għadha fuq il-kumpannija l-atturi ma kinux ser jaslu għall-ftehim kif redatt fil-kuntratt li permezz tiegħu ġew trasferiti l-ishma kollha tal-kumpannija lill-konvenuti. Huwa għalhekk evidenti li dak li qed isostnu l-atturi huwa li l-kunsens tagħhom għall-kuntratt in kwistjoni kien vizzjat bi żball.

»… … …

»Il-qorti tqis *inoltre* li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Bonnici tir-riżulta li hija ġustifikata anki minn sempliċi qari tar-rikors ġuramentat li ma jidhirx li jsegwi jew aħjar ma jagħmilx sens loġiku bejn dak espost fil-premessi u t-talbiet kontenuti fl-istess *stante* li in vista ta' dak premess loġikament wieħed kellu jasal għal talba għar-rexxissjoni tal-kuntratt innfisu u mhux għal talba *actio de in rem verso* jew arrikkiment inġust li kif sewwa kkonfermaw l-istess atturi fis-sottomissjonijiet

tagħhom, ma hijiex legalment proponibbli f'każ li tkun tista' tiġi applikata azzjoni *ex contractu*.

»*In vista* ta' dak kollu suespost din il-qorti għalhekk tqis li l-ewwel eċċezzjoni mqajjma mill-konvenuta Romina Bonnici hija ġustifikata u ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess. *Stante* li s-suċċess ta' din l-eċċezzjoni twassal lil din il-qorti sabiex tiddikjara l-kawża bhala inammissibbli, konsegwentement din il-qorti hija prekluża milli tmur *oltre* fil-mertu.«

11. L-atturi appellaw b'rikors tas-7 ta' Marzu 2019 li għalih wieġbu l-konvenut Carmel Bonnici u s-soċjetà konvenuta *C&P Caterers Limited* fis-26 ta' Marzu 2019 u l-konvenuta Romina Bonnici Galea fil-25 t'April 2019.

12. L-ewwel aggravju tal-atturi li jolqot dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ddikjarat illi l-atturi ma setgħux jinqdew bl-azzjoni li ressqu. Fissru l-aggravju hekk:

»Fl-ewwel lok jidher illi l-ewwel qorti qalet illi ġaladarba dan huwa każ ta' kunsens vizzjat bl-iżball hemm azzjoni *ex contractu* konsistenti fl-azzjoni naxxenti minn l-artikolu 1212 tal-Kodiċi Ċivili u *cioè* li wieħed imur għar-rexissjoni tal-kuntratt; kwindi qed tgħid l-ewwel qorti illi ġaladarba hemm disponibbli għall-partijiet azzjoni *ex contractu*, l-azzjoni *de in rem verso*, li min-natura tagħha hija sussidjarja, ma tistax tirnexxi għaliex wieħed ried l-ewwel u qabel xejn jittenta l-azzjoni *ex contractu*. L-ewwel qorti anke tiċċita dwar il-vizzju tal-kunsens tal-iżball.

»F'ċirkostanzi normali l-ewwel qorti kien ikollha raġun għaliex dan huwa każ ta' żball, però dak li ma nnutatx l-ewwel qorti kien illi fil-kuntratt innifsu li qed jiġi attakkat ma sar l-ebda żball ta' kunsens. Dan għaliex dak il-kuntratt kien wieħed ta' trasferiment ta' ishma f'kumpannija. Il-proprjetà tal-kumpanija illi dwarha sar l-iżball hija xi ħaġa totalment separata u distinta mit-trasferiment tal-ishma f'dik il-kumpannija nfushom. L-iżball meħud f'dan il-każ m'hux żball dwar in-natura tal-ishma, jew il-prezz imħallas, iżda huwa żball dwar il-beni li suppost kellha l-kumpannija li l-ishma tagħha kienu qed jiġu trasferiti. Għalhekk l-esponenti jemmen illi ma jistax dak il-kuntratt jiġi b'xi mod attakkat abbażi tal-iżball bħala vizzju tal-kunsens għaliex l-iżball la kien f'dak li tirrigwarda l-konsiderazzjoni u lanqas f'dak li jirrigwarda l-oġġett jew il-kawża tal-kuntratt.

»Di fatti l-iżball ma huwiex fuq is-sustanza tal-kuntratt innifsu iżda fuq il-konsegwenzi u l-effetti tal-istess kuntratt. Għalhekk l-esponenti jemmen illi qatt ma seta' jipproċedi b'kawża għax-xoljiment tal-kuntratt innifsu minħabba l-iżball għaliex l-iżball kif diġà ngħad ma kienx fis-sustanza kuntrattwali iżda kien fl-effetti tal-kuntratt, u għalhekk l-uniku azzjoni u bieb miftuħ biex jirnexxilu jirkupra xi forma ta' kumpens jew restituzzjoni għal dak li tilfu minħabba żball ġenwin ta' kulħadd kien l-*actio de in rem verso*.«

13. Jgħidu ħażin l-atturi appellanti illi hemm differenza relevanti għall-għanijiet ta' *error in substantia* bejn "żball dwar in-natura tal-ishma" u "żball dwar il-beni li suppost kellha l-kumpannija li l-ishma tagħha kienu qed jiġu trasferiti". Jekk meta tbigħ l-ishma jkun mingħalik li qiegħed iċċedi kontroll biss ta' beni partikolari meta fil-verità tkun qiegħed iċċedi aktar minn hekk, dan ikun żball relevanti li jolqot is-sustanza tal-ħaġa mibjugħa.

14. Qalet sew għalhekk l-ewwel qorti li l-azzjoni miftuħa għall-atturi kienet dik ta' rexissjoni minħabba żball, waqt illi l-azzjoni li ressqu huma, safejn hija azzjoni biex jieħdu lura dak li stagħnew bih il-konvenuti Bonnici b'telf tal-atturi, tintlaqat bl-ostakolu tal-art. 1028B Kod. Ċiv.:

> »**1028B.** L-*actio de in rem verso* ma tistax tiġi eżerċitata meta min sofra t-telf jista' juża azzjoni oħra sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu«

15. Dan l-aggravju għalhekk ma jistax jintlaqa'.

16. Fit-tieni aggravju l-atturi jgħidu illi, ukoll jekk f'xi żmien setgħu nqdew bl-azzjoni għar-rexissjoni tal-kuntratt, illum ma jistgħux iżjed jinqdew b'dak ir-rimedju li issa waqa' bil-preskrizzjoni. Ifissru l-aggravju hekk:

> »L-artikolu 1222(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:
>
> > »"Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, egħmil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn."
>
> »Dan ifisser illi kwalsijasi azzjoni kompetenti lill-atturi *ex contractu*, wara sentejn minn l-iskoperta tal-iżball ġiet magħluqa u preskritta.
>
> »Il-kuntratti *de quo* saru fid-29 ta' Mejju tas-sena 2015 u l-iżball ġie skopert ftit wara, minn kliem in-nutar stess, xi xahar wara meta din marret tirreġistra l-istess attijiet fir-Reġistru tal-Artijiet. Kwindi, fis-sena 2017 l-azzjoni tal-atturi kienet ġiet preskritta u huma ma setgħux aktar jibbenefikaw minn l-azzjoni *ex contractu*. Hawnhekk kellu jiskatta l-prinċipju tal-*jus superveniens* li huwa dak il-prinċipju li jistabilixxi li għalkemm xi parti ma jkollhiex dritt fil-bidu tal-proċeduri, jekk dak id-dritt jitwieled imbagħad fil-mori tal-proċeduri, l-azzjoni tiġi salvata u tkun tista' tkompli tiġi diskussa u deċiża.

> »… … .
>
> »*In vista* allura ta' dan il-prinċipju anke jekk wieħed kellu jaqbel mal-ewwel qorti u jgħid illi l-azzjoni *de in rem verso* ma setgħetx tiġi eżerċitata qabel l-eżerċizzju tal-azzjoni *ex contractu*, ġaladarba l-azzjoni *ex contractu* ġiet magħluqa biż-żmien u ma hemmx mod ieħor kif tista' tiġi eżerċitata allura kellha tiskatta l-azzjoni sussidjarja *cioè* l-azzjoni *de in rem verso*. Dan għandu jkun hekk anke għall-ekonomija tal-ġudizzju għaliex illum l-uniku azzjoni li fadal kompetenti għall-atturi hija unikament dik li diġà ġiet eżerċitata, u *cioè* l-azzjoni *de in rem verso*. Hu konċess illi għal finijiet ta' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Romina Bonnici jista' jkun hemm piż x'jintrefa' minn l-atturi f'dak li hu l-kap tal-ispejjeż, iżda ġaladarba llum l-azzjoni *ex contractu* ma għadhiex tista' tiġi aktar eżerċitata dik l-eċċezzjoni ma tistax tkompli treġi *in vista* ta' dan il-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza Maltija.«

17. Dan it-tieni aggravju tal-atturi huwa fieragħ. L-azzjoni *de in rem verso* hija maħsuba bħala rimedju estrem meta min ġarrab it-telf ma għandux rimedju ieħor, u mhux meta kellu rimedju u baqa' ma nqediex bih sa ma ntilef bil-mogħdija taż-żmien: *vigilantibus non dormientibus iura subveniunt*. Li ma kienx hekk l-art. 1028B Kod. Ċiv. jista' faċilment jiġi frustrat billi parti tibqa' passiva u ma tinqediex bir-rimedju appożitu biex imbagħad tinqeda bir-rimedju li l-liġi ma tridx li jkun disponibbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

18. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

19. L-ewwel qorti għalhekk għamlet sew li laqgħet l-eċċezzjoni ta' improponibilità tal-azzjoni safejn l-azzjoni hija waħda *de in rem verso*.

20. Tassew illi l-art. 1028B huwa ostakolu għall-azzjoni biss safejn hija *de in rem verso*, u fost it-talbiet hemm ukoll it-tielet talba, li f'parti minnha trid illi l-qorti tordna illi "jiġu trasferiti mill-ġdid in-nofs indiviż [*sic*] tal-ishma", li tista' b'xi mod u bi ftit jew ħafna tiġbid titqies talba għar-rexissjoni tal-kuntratt ta' trasferiment tal-ishma, u għalhekk l-azzjoni tkun, għall-inqas f'din il-parti, ammissibbli. Madankollu, il-ftehim bejn il-partijiet ma kienx

biss dwar it-trasferiment ta' ishma, għax twettaq ukoll b'kuntratti u trasferiment oħra kif imfissser fuq[1]. Għalhekk, ma tistax titqies it-talba għat-tħassir tal-bejgħ tal-ishma biss bħallikieku l-ftehim kien dak biss.

21. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll ta' dan l-appell, jitħallsu mill-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb

[1] Para. 5, *supra*